MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2013

Numru. 1115/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Abshir Ali Muse ta` 23 sena iben Ali Muse imwieled Somalia nhar il- 23 t`Ottubru 1990, residenti 58, Valley Court, Flat 3, Triq il-Wied ta` L-Msida, Msida u detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 82432A

Talli;

Nhar is-7 ta` Novembru 2013 u / jew fi granet ohra gewwa dawn il-Gzejjer b`mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` imsijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeghda b`qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b`ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` kreidti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta` haddiehor.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirksotanzi bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe serq aggravat bil-valur ura b`atti esterni u tat bidu ghall-eskeuzzjoni tad-delitt ma giex esgwiet minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghha.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici f`serq ta` cekkijiet kif ukoll sabiex jissarfu l-istess cekkijiet, billi xjentement ghenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat jew b`xi mod sahhet il-volonta sabiex isehh id-delitt u dan sar ghad-dannu ta` Kateryna Zrinzo.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta cekkijiet tal-Bank Of Valletta, li l-ammont taghhom ma jeccediex il-Valur ta` €232.94.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement, laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe` cekkijiet, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reati, jew, xjentement, b`kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

U talli nhar is-6 ta` Novembru 2013 f`diveris hinijiet minn gewwa l-Gzira, kkommetta serq ta` flus kontanti, li l-ammont huwa ta` €872.54 li ghalhekk jeccedi l-valur ta` €232.94 imma ma jeccidiex il-valuir ta` €2,329.40.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew

l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 41, 42, 261, 267, 334 u 184 tal-Kap 9;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------